# ID-DAWL

ĠUNJU 2018 NUMRU 6

## "ISSIRU DEVOTI"



Il-Koran Imqaddes | Ramażan Iftar | Eid-ul-Fitr | Libsa Ġdida

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# EID MEMORABBLI

Dalwaqt il-Musulmani madwar id-dinja kif ukoll f'Malta se jiċċelebraw il-festa ta' **Eid-ul-Fitr** li tiġi wara s-sawm fix-xahar ta' Ramażan.

F'dawn il-ġranet tal-festa, ħafna minna jkunu okkupati b'ħafna affarijiet fosthom fix-xiri tal-ħwejjeġ u r-rigali għall-familji, il-ħbieb u l-qraba, u bil-pjanijiet ta' kif se jiċċelebraw iż-żmien tal-festa flimkien, bil-ferħ u l-kuntentizza.

Ħafna tipi differenti ta' ikel tradizzjonali u speċjali se jiġu msajra għal din il-festa tant importanti għall-Musulmani madwar id-dinja.

Tassew huwa importanti li niċċelebraw il-festa u nieħdu gost, imma, jekk irridu nagħmlu din il-festa verament memorabbli, pjaċevoli u sodisfaċenti, huwa importanti li ma ninsewx lil dawk ħutna li huma inqas ixxurtjati fis-soċjetà tagħna.

**ID-DAWL**

Ġunju 2018 – Numru 6 – Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyya.mt**

Jekk tridu tirċievu kopja elettronika fil-futur ta' **ID-DAWL**, iktbulna: **amjmalta@gmail.com**

Jew aqraw **ID-DAWL** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**

(i) Allies Interactive | shutterstock pġ 6 (ii) Tirmiżi

# X'INHU L-KORAN IMQADDES?



Il-Koran Imqaddes huwa l-ktieb qaddis tal-Iżlam u huwa sors ta' gwida għall-umanità kollha. Huwa jikkonsisti minn 30 parti u 114-il kapitlu.

Il-Koran Imqaddes jisħaq fuq l-unità ta' Alla u jafferma l-ġenwinità tal-profeti kollha. Huwa jirrikonoxxi wkoll li l-iskritturi rivelati lkoll huma awtentiċi fis-sors oriġinali tagħhom. **Din hija karatteristika unika tal-Koran Imqaddes u tipprovdi bażi solida għad-djalogu u l-fehim ġenwin bejn is-segwaċi ta' twemmin differenti.**

Il-Koran Imqaddes jiġbor fih aspetti universali li japplikaw għall-umanità kollha meħudin minn tagħlim iktar bikri u dan isaħħu b'iktar gwida. B'dan il-mod jipprovdi kodiċi komprensiva għall-ħajja u sors ta' għerf għall-bnedmin kollha. **It-tagħlim etern tiegħu għadu relevanti llum daqskemm kien meta ġie rivelat iktar minn 1400 sena ilu.**

Il-Koran Imqaddes ikopri firxa sorprendenti ta' suġġetti marbuta mal-aspetti kollha tal-ħajja tagħna kemm jekk soċjali, ekonomiċi, xjentifiċi, politiċi jew interreliġjużi. **Il-wisa' u l-profondità tat-tagħlim tiegħu jirriflettu l-għerf infinit ta' Alla u jmissu l-istorja, il-bijoloġija umana, in-natura, l-evoluzzjoni, il-ġenetika, l-enerġija nukleari, l-astronomija, il-ħajja fl-univers, u ħafna suġġetti oħra.** Madankollu l-Koran mhuwiex fih innifsu ktieb tax-xjenza jew tat-tagħrif ġenerali, iżda huwa ktieb li jħeġġeġ lill-bniedem biex jiżviluppa l-għerf tiegħu, ifittex il-verità biex b'hekk itejjeb l-għarfien tiegħu u r-relazzjoni tiegħu m'Alla.

**Il-Koran Imqaddes ma nkitibx minn persuna waħda. Kien rivelat minn Alla (permezz tal-Anġlu Gabriel) bil-lingwa Għarbija lill-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, fuq perjodu ta' 23 sena.**

Il-Profeta Muħammad, is-sliem għalih, bħalma kienet id-drawwa fost l-Għarab ta' żmienu, kien bla skola u ma kienx jaf jikteb u jaqra. Meta huwa rċieva r-rivelazzjoni verbali tal-Koran Imqaddes, kien jiddetta l-kliem lill-iskribi magħżula minnu. Dan huwa l-mod li bih il-Koran Imqaddes ġie traskritt matul ħajjet il-Profeta, is-sliem għalih.

# RAMAŻAN IFTAR 2018

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta organizzat riċeviment biex tiċċelebra r-Ramażan Iftar nhar il-Ħamis 31 ta' Mejju fil-Lukanda Waterfront, Tas-Sliema, fejn kien hemm preżenti mistiedna distinti minn kull qasam tal-ħajja.

Din l-attività bdiet bit-talb mill-Koran Imqaddes u b'dokumentarju qasir dwar is-sawm tul ir-Ramażan. Dawn il-kelliema li ġejjin għamlu d-diskors tagħhom u wara wieġbu l-mistoqsijiet mill-udjenza.




## L-EĊĊELLENZA TIEGĦU MARK A. SCHAPIRO

*Deputat Kap tal-Missjoni Amerikana f'Malta*

"Asslam-u-Alejkum, u Ramażan Mubarak.

Nixtieq nieħu ftit minuti biex infaħħar il-messaġġ tagħkom [tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana], u l-isforzi kontinwi tagħkom biex tippromovu l-onestà, it-tolleranza u d-djalogu interreliġjuż. **"Imħabba għal kulħadd, Mibegħda għal ħadd"**: huwa messaġġ sempliċi imma qawwi; huwa t-tmiem tal-gwerra.

Għaldaqstant grazzi għal dan il-messaġġ. Fil-verità, dak li jgħaqqadna, dak li naqsmu bejnietna, huwa iżjed b'saħħtu minn dak li jifridna. Jidher li frekwentement fid-dinja tal-lum irridu nirrepetu dan il-messaġġ li għandna bżonn ngħallmu u nerġgħu ngħallmu l-valur tat-tolleranza u r-rispett reċiproku. Xi kultant inħossu li ħadd mhu qed jisma'.

Fl-Amerika, l-impenn tagħna għal-libertà tal-fidi huwa sagru, iżda fl-istess ħin aħna nirrikonoxxu fl-ewwel linji tal-Kostituzzjoni tagħna li aħna dejjem għandna nirsistu għal 'għaqda aktar perfetta'. Li dejjem għandna aktar xogħol x'nagħmlu. U t-tolleranza u l-progress ma jimxux fl-istess linja, lanqas. Jista' jkun li qatt ma naslu għal dik l-għaqda perfetta, għal dak l-ideal Platoniku, iżda aħna obbligati li naħdmu għalihom, u li nibqgħu nirrepetu l-messaġġi ta' tolleranza, fraternità, umanità, u mħabba, flimkien ma' ħbieb u msieħba bħalkom li tħaddnu dawn l-istess valuri. Tul it-triq, kollha għandna nibqgħu ffukati fuq il-messaġġ, u ninjoraw l-istorbju – din sfida kbira, għaliex ngħixu f'era tal-midja soċjali li hija storbjuża ħafna u taljena lil ħafna nies.

**Dak li naqsmu bejnietna huwa aktar sod minn dak li jifridna.**

Nirringrazzjawkom mill-ġdid talli tajtuna dan l-unur li naqsmu dan l-Iftar magħkom. Nixtiequ l-paċi, l-imħabba u s-saħħa lilkom u lill-familji tagħkom għal dan ix-xahar u għas-sena li ġejja. Saha Ftourkom!"




## L-IMAM LAIQ AHMED ATIF

*President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta*

"L-ordni tas-sawm, huma x'inhuma d-dettalji tagħha, tinsab fil-maġġoranza tar-reliġjonijiet b'xi forma jew oħra. Fil-fatt, is-sawm huwa forma ta' qima u abbiltà ta' persuna li tikkontrolla lilha nnifisha.

Fl-Iżlam, l-għan fundamentali u l-filosofija wara l-idea tas-sawm ġew imfissra fil-Koran Imqaddes bħala l-kisba tat-***Taqwa*** – li tfisser aktar qima lejn Alla u onestà.

L-osservanza tas-sawm hija obbligatorja għal kull Musulman adult tul ix-xahar tar-Ramażan. Is-sawm fl-Iżlam jibda kullimkien ma' sbieħ il-jum u jintemm ma' nżul ix-xemx. Tul dan il-ħin wieħed huwa mistenni li ma jiekol u jixrob assolutament xejn.

Mhumiex biss il-ġuħ fiżiku u l-għatx li jsawru s-sawm Musulman, iżda t-talb mill-Koran Imqaddes, il-fehim tal-kmandamenti ta' Alla u li wieħed jgħixhom kuljum, li sservi l-umanità, tagħti l-karità, tgħin lil dawk fil-bżonn, li tkun puntwali għall-ħames talbiet obbligatorji ta' kuljum, li tqum ħafna sigħat qabel is-sebħ għat-talba individwali u t-tfakkir ta' Alla, u li tqatta' parti sewwa mil-lejl f'eżerċizzi spiritwali, dan hu t-tifsir vera tas-sawm."

---

## EID-UL-FITR

**'Eid'** hija kelma bl-Għarbi li tfisser 'ġurnata li tirritorna ta' spiss'. Hemm żewġ festi Iżlamiċi tal-Eid f'sena. L-ewwel waħda tissejjaħ **'Eid-ul-Fitr'** u t-tieni li tiġi xi għaxar ġimgħat wara tissejjaħ **'Eid-ul-Ażħa'**.

Il-festa ta' Eid-ul-Fitr tiġi ċċelebrata fi tmiem ix-xahar tas-sawm, għalhekk tissejjaħ ukoll il-festa tal-waqfien mis-sawm. Is-sawm fix-xahar ta' Ramażan huwa wieħed mill-ħames kolonni tal-Iżlam. Huwa, għalhekk, attribut prattiku tal-fidi u jitqies bħala att ta' devozzjoni.



# IT-TĦEJJIJIET GĦALL-EID

Fi tmiem ix-xahar tas-sawm, meta jintlemaħ il-qamar il-ġdid, emozzjoni ta' hena tiġri fi qlub il-Musulmani kollha, żgħar u kbar, bi stennija għal waħda mill-aktar festi tal-Eid ferrieħa. Tul il-lejl isiru l-arranġamenti meħtieġa. Il-ħwienet jibqgħu miftuħa sa tard billejl għall-konsumaturi. Fil-pajjiżi Musulmani t-toroq ewlenin tal-bliet u l-bini pubbliku jkunu mdawla sew għal billejl u mżejna bi bnadar ikkuluriti. Kmieni filgħodu, fil-jum tal-Eid, wara li kulħadd jieħu banju, kulħadd jilbes l-aħjar ilbies tiegħu. It-tfal, b'mod speċjali, iżanżnu ħwejjeġ ġodda. Kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa jagħmlu l-fwieħa bħalma kienet użanza tal-Qaddis Profeta li jagħmel il-fwieħa f'okkażjonijiet bħal dawn. Il-brekfast ħafna drabi jinkludi platt ħelu msejjaħ *Sheer Khurma* – vermiċelli msajra fil-ħalib bit-tamal niexef, żbib, lewż, u ġewż ieħor. Kulħadd issa jkun anzjuż biex jimxi lejn l-*Eidgah* (post tat-talb tal-festa), li s-soltu jkun spazju miftuħ jew ġnien pubbliku riservat għas-servizz tal-Eid.

Minħabba l-preżenza ta' għadd enormi ta' Musulmani, is-servizz tal-Eid isir fi swali kbar, fil-moskea ċentrali tal-belt jew fil-miftuħ, fejn jitwaqqfu tined kbar bl-għan li jipprovdu l-ilqugħ mit-temp. In-nisa huma mħeġġa bil-qawwa biex jattendu dawn il-laqgħat tal-Eid, għalhekk ikun hemm żona apposta riservata għalihom.

Kif kienet id-drawwa tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam, il-fidili jmorru lejn l-*Eidgah* minn triq partikolari u jitilqu minn oħra differenti.

Wara t-talb tal-Eid, l-Imam jagħmel id-diskors tiegħu, li ġeneralment ikun dwar l-isfond storiku u s-sinifikat spiritwali tal-festa, iżda dan jista' jinkludi fih xi suġġetti oħra ta' importanza għall-Musulmani. Wara s-servizz il-fidili jsellmu lil xulxin billi jgħidu **'Eid Mubarak'** (il-Festa t-Tajba) u jħaddnu lil xulxin, imbagħad imorru lura d-dar.

Platti speċjali huma mbagħad imħejjija għal din l-okkażjoni festiva. Il-ħbieb u l-qraba huma ħafna drabi mistiedna. Rigali u tislimiet huma mqassma tul il-jum. Li titma' l-fqar, li tgħin lil min hu fil-bżonn u li żżur il-morda kollha jitqiesu bħala azzjonijiet ta' min ifaħħarhom f'din l-okkażjoni. **L-ispirtu tal-Eid huwa wieħed ta' sliem, maħfra, u fraternità.**

# LIBSA ĠDIDA

Abu Sagħid al-Ħudri (l-għaxqa ta' Alla fuqu) jirrakkonta li meta l-Qaddis Profeta Muħammad (is-sliem għalih) kien jilbes libsa ġdida, l-ewwel kien jgħid x'għamla ta' libsa kienet – pereżempju, turban, qmis jew libsa – imbagħad kien jitlob hekk:

> **"Ja Alla, tiegħek it-tifħir! Int tajtni dan l-ilbies biex nilbsu. Nitlob minnek il-fejda li ġejja minnu, u l-fejda li għaliha sar. Nitlob il-ħarsien tiegħek minn xi ħsara li dan l-ilbies jista' jkun fih, u minn kull għan ħażin li għalih sar."** (ii)

---

# KURAĠĠ

Darba ajkla ħadet it-tarbija ta' waħda mara fuq il-quċċata ta' muntanja. Il-mara segwiet l-ajkla, telgħet il-muntanja, u ħarġet it-tarbija minn ġol-bejta.

Wara li għannqet lit-tarbija u kienet ferħana tgħidx kemm, indunat li kien impossibbli għaliha biex tinżel il-muntanja.

In-nies għenuha tinżel b'ħafna diffikultà u wara staqsewha kif kellha l-ħila titlagħha.

Hija wieġbet, "Ma nafx kif kelli l-ħila nitlagħha. Kulma naf huwa li rajt lill-ajkla teħodli t-tarbija f'dik id-direzzjoni u jien mort warajha."

Mara tista' tagħmel fit-tfittxija għal uliedha dak li rġiel b'saħħithom mhumiex kapaċi jagħmlu; u l-kuraġġ tagħha għamilha kapaċi titla' l-muntanja. Bil-kuraġġ kollox possibbli.

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**